MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 247/2009

**A F B H C**

**-vs-**

**D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A La B de C, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta fl-ghaxra (10) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija tmienja u sebghin (1978) fil-knisja ta' Ta' Xbiex u dan kif jidher mill-anness certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied cioe' F u H, it-tnejn maggorenni;

Illi l-kontendenti sseparaw personalment permezz ta’ kuntratt redatt u ppubblikat fl-atti tan-Nutar Anthony Bonnici tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003), u dan kif jidher mill-anness kuntratt immarkat Dok. B;

Illi l-kunsens taz-zwieg tal-intimat kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Att taz-Zwieg – Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-kunsens taz-zwieg tal-konvenut kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Att taz-Zwieg – Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-kunsens tal-konvenut, ghalkemm mhux interdett jew marid b’mohhu, ma kellux fil-mument taz-zwieg minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg ai termini tal-artikolu 19 (1) (h) tal-Att taz-Zwieg – Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ir-rikorrenti jaf personalment b’dawn il-fatti kollha;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tippronunzja li z-zwieg bejn il-kontendenti li gie celebrat Malta fl-ghaxra (10) ta’ Awissu tas-sena elf disa’ mija tmienja u sebghin (1978), huwa null u bla ebda effetti legali;

Tordna r-registrazzjoni mid-Direttur tar-Registru Pubbliku tas-sentenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' D E, li in forza taghha, eccepixxa:

Illi ma hemmx lok, ghar-ragunijiet migjuba 'l quddiem mill-attrici fir-rikors taghha, ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg bejn il-partijiet kontendenti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fl-1978 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur. Ir-rikorrenti kienet diga' qed tistenna l-ewwel wild taghhom. Kellhom it-tarbija u zmien wara kellhom wild iehor. Ghexu flimkien sakemm l-ulied saru maggorenni. Infirdu wara hamsa u ghoxrin (25) sena zwieg. Ir-rikorrenti issa qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita' a tenur tal-Art. 19 (1) (d), (f) u/jew (h).

l-intimat isostni l-validita' taz-zwieg.

Tressqu bhala provi mir-rikorrenti, affidavit taghha stess u iehor xott xott ta' huha. L-intimat ressaq affidavit tieghu biss.

B'referenza ghall-Art. 19 (1) (d), dawn il-Qrati dejjem irritenew illi:

"*Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju*",

(“**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**”, deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-10 ta’ Novembru, 1995).

“*B’difett serju ta’ diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ immaturita’, il-parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg*”, (“**Angela Spiteri xebba Selvaggi vs F Spiteri**”, deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-4 ta’ Novembru, 1994).

“*Fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi minn dik il-fakolta’ kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta’ hsieb, nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju (ara, “***Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri***”, P.A., 10/11/95). Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju (“***Selina-Maria Vella Haber v. F Gatt***”, P.A., 15/4/96). Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita’ psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali*”, (“**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo**”, deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fis-26 ta’ Ottubru, 2000).

Ghalhekk, il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma gabet ebda prova sodisfacenti biex tissodisfa l-vot tal-ligi a tenur tal-Art. 19 (1) (d).

B’referenza mbaghad ghall-provvediment tal-Art. 19 (1) (f), jinghad illi:

“*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b’att posittiv tal-volonta’ taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b’dak l-att pozittiv tal-volonta’, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f’dan is-sens* **Muscat vs Borg Grech noe**, *deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb “Il consenso nel matrimonio canonico” (Ediz. 1968 pagna 92),*
*“Nell’animo del nubente, perche’ si abbia simulazione... occorre che vi sia non un’assenza della volonta’ matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta’ di escludere*”, (“**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**”, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ April, 2009).

Hawnhekk ukoll, il-Qorti ma ssibx hjiel ta’ xi eskluzjoni. Meta zzewgu, il-partijiet assumew l-obbligi taghhom verso l-familja, tant li anke siefer l-intimat biex jahdem ghall-familja u r-rikorrenti gie li akkumpanjatu b’uliedhom ghal xi perjodi. Ghexu flimkien bhala familja ghal hamsa u ghoxrin sena shah.

Finalment, ir-rikorrenti tistrieh ukoll fuq il-provvediment tal-Art. 19 (1) (h) li testwalment jipprovdi ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’.

“*Jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b’mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.*”

Ir-rikorrenti donnha tirreferi hawnhekk ghall-fatt li, skond hi, waqt it-tieg, zewgha kien fis-sakra. Huha, li kien xhud fit-tieg jirreferi ghal dan bhala “xnieha”. Hawnhekk ukoll, il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma ppruvatx dak li allegat. Kieku verament kien fis-sakra li fil-fatt, hu, quddiem knisja mimlija nies u sala aqstant affollata, ma kienx ikun difficli ghar-rikorrenti li tressaq provi sufficjenti.

Ghalhekk, hawnhekk ukoll it-tezi tar-rikorrenti tfalli.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------